

Brussell, 7 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5063/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0403(NLE)**

COASI 1	ECOFIN 7
ASIE 1	COMPET 7
CFSP/PESC 5	RECH 4
COHOM 3	ENER 1
CONOP 2	TRANS 1
COTER 1	TELECOM 3
JAI 5	ENV 2
WTO 1	EDUC 2
FISC 10	EMPL 3

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	15039/18
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fil-25 ta' Novembru 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' Singapore dwar Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni¹. Fid-Direttivi ta' Negozjati ġie stipulat li ser jiġi determinat jekk il-ftehim għandux jiġi konkluż inter alia mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha jew mill-Komunità u l-Unjoni Ewropea fi tmiem in-negozjati u abbażi tat-test li jirriżulta minn dawn in-negozjati.

¹ Direttivi ta' Negozjati tal-Kunsill għal Ftehimiet Qafas Indivdwali ta' Sħubija u Kooperazzjoni mar-Renju tat-Tajlandja, ir-Repubblika tal-Indoneżja, ir-Repubblika ta' Singapore, ir-Repubblika tal-Filippini, il-Malasja u n-Negara Brunei Darussalam (dok. 14844/04 EU RESTRICTED).

2. In-negozjati ma' Singapore tnedew f'Ottubru 2005 u ġew iffinalizzati fl-aħħar ta' Mejju 2013. Iż-żewġ naħat inizjalaw il-FSK f'Singapore fl-14 ta' Ottubru 2013.
3. Fis-17 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra u, fl-anness, ir-riżultat finali tan-negozjati fil-forma ta' Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra (6634/14 + ADD1). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Istandard Globali l-ġdid dwar l-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni hekk kif adottat mill-OECD (6634/14 ADD2), li sussegwentement tqies li ma kienx għadu rilevanti.
4. Fis-16 ta' Lulju 2018, il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim². Il-Ftehim ġie ffirmat fi Brussell fid-19 ta' Ottubru 2018.
5. Fl-4 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra (15223/18).
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja ma setax jaqbel dwar il-proposta msemmija hawn fuq.
7. Fil-7 ta' Jannar 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kellu skambju ta' fehmiet dwar il-bażijiet legali tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, kif stabbilit mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 15375/18, u qabel li jstieden lill-Kunsill biex fil-laqgħa tiegħu li jmiss jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jaħdem, abbażi ta' nota mis-Servizz Legali tal-Kunsill, fuq dikjarazzjoni jew konklużjonijiet tal-Kunsill fir-rigward tan-natura anċillari tal-bażijiet legali tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni għal ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

² ĠU L 189, 26.7.2018, p.2.

8. Għaldaqstant, il-Kunsill huwa mistieden li fil-laqgħa tiegħu li jmiss jiddeċiedi li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif tinsab wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi-lingwisti fid-dokument 15375/18.
-